# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Lulju 2023**

**Rikors Nru : 201/2023 JPG**

**Kawza Nru : 36**

**PS**

**vs**

**VS**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur datat 2023 a fol 4 ta' April 2023, 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar is-sebgħa (7) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) (ċertifikat taż-żwieġ* ***Dok. A*** *anness) u minn dan iż-żwieġ kellhom erbat ulied u ċioe S li twieldet f'W, K li twieled f'X, KS li twieled f'Y u KS li twieldet f'Z.*

2. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku datat id-disgħa (9) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono (kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. B****);*

3. *Illi ma jeżisti ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom, filwaqt illi ilhom żmien jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u ma jeżisti ebda prospett li jirrikonċiljaw;*

4. *Illi l-partijiet m'għandhomx pretensjonijiet kontra xulxin;*

5. *Illi l-partijiet irrinunzjaw għall-manteniment mingħand xulxin ai termini tal-klawsola numru erbgħa (4) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni filwaqt li l-esponent iħallas il-manteniment konċernanti uliedu b'mod regolari;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta'Malta;*

7. *Illi qed jiġi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit ta' PS (***Dok. C***);*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, ikun jogħġobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkustanzi.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 17 ta' Mejju 2023, a fol 16 li taqra hekk:

*Ili l-esponenti taqbel li jezistu l-elementi kollha ghal ilqugh tat-talba ghal pronunzjament ta' divorzju u taqbel ukoll mal-fatti msemmija mir-rikorrent fir-rikors promotur u ghalhekk tiddikjara li ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talba ta' divorzju maghmula mill-istess rikorrent.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-intimata datata 23 ta'Gunju 2023, li permezz taghha, l-intimata ddikjarat illi l-pendenzi li kellu l-attur versu l-intimata rigward manteniment gew saldati fil-mori tal-kawza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 6) illi l-partijiet izzewgu nhar is-7 ta' Dicembru 2013, u minn dan iz-zwieg twieldu erbghat ittfal. Sostna illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono nhar id-9 ta' Gunju. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vid affidavit fol 23) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew*

***miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Dicembru 2013, liema zwieg jgib certifikat numru 3122/2013 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu erbghat itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono nhar it-9 ta' Gunju 2016, (Vide fol 7 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 3122/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**